A.L. 78 ta' l-2005

ATT DWAR IS-SERVIZZI VETERINARJI
(KAP. 437)

Regoli ta' l-2005 dwar il-Ġbir ta' Informazzjoni fuq Żoonosi u Aġenti Żoonotiċi

BIS-SAĦĦA tas-setgħa mogħtija bl-artikolu 5 ta' l-Att dwar is-Servizzi Veterinarji, il-Ministru ta' l-Affarijiet Rurali u l-Ambjent għamel dawn ir-regoli li ġejjin:-

Titolu u skop.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regoli hu Regoli ta' l-2005 dwar il-Ġbir ta' Informazzjoni fuq Żoonosi u Aġenti Żoonotiċi.

(2) L-iskop ta' dawn ir-regoli hu l-implimentazzjoni tar-regoli mniżżla taħt id-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 92/117/KEE dwar miżuri fuq il-protezzjoni kontra żoonosi speċifikati u aġenti żoonotiċi speċifikati f'annimali u prodotti ta' oriġini mill-annimali sabiex jipprevjenu tifqigħ ta' infezzjonijiet u intossikazzjonijiet li jinġarru fl-ikel f'Malta.

Tifsir.

2. Għall-finijiet ta' dawn ir-regoli -

"aġent żoonotiku" ifisser kull batterju, virus jew parassita illi x'aktarx jikkawża żoonosi;

"l-awtorità kompetenti" tfisser is-Servizzi Veterinarji f'Malta kif pprovdut fl-artikolu 2 ta' l-Att dwar is-Servizzi Veterinarji, jew kull awtorità oħra fejn dik ir-responsabbilità tkun ġiet delegata lilha mis-Servizzi Veterinarji;

"kampjun" tfisser kampjun meħud mis-sid jew minn persuna responsabbli mill-istabbiliment jew mill-annimali, jew meħud f'ismu, sabiex ikun eżaminat għall-aġent żoonotiku;

"kampjun uffiċjali" tfisser kampjun meħud mill-awtorità kompetenti sabiex ikun ittestjat għall-aġent żoonotiku. Il-kampjun uffiċjali għandu jkollu riferenza għall-ispeċi, it-tip, l-ammont u l-metodu ta' ġbir, u l-identifikazzjoni ta' l-oriġini mill-annimal jew mill-prodott ta' oriġini mill-annimal. Dak il-kampjun għandu jittieħed mingħajr ma jkun ingħata avviż;

"laboratorju nazzjonali approvat" tfisser laboratorju approvat u rikonoxxut mill-awtorità kompetenti ta' Malta biex jagħmel eżamijiet ta' kampjuni uffiċjali sabiex jiskopri aġent żoonotiku;

"pajjiż terz" tfisser pajjiż illi mhux membru tal-Komunità Ewropea;

"Stat Membru" tfisser Stat li huwa membru fil-Komunità Ewropea;

"żoonosi" tffisser kull marda u, jew infezzjoni li x'aktarx tkun trasmessa b'mod naturali mill-annimali għan-nies.

Miżuri meħuda skond dawn ir-regoli.

3. (1) F'Malta, miżuri meħuda skond dawn ir-regoli mill-awtorità kompetenti, huma koordinati fil-livell mazzjonali u lokali, b'mod partikolari fir-rigward ta' kull stħarriġ epidemjoloġiku.

(2) Fil-livell lokali, l-awtorità kompetenti għandha tkun assisstita minn laboratorji nazzjonali approvati.

(3) L-awtorità kompetenti għandha tinnomina l-laboratorji approvati għar-riferenza nazzjonali għaż-żoonosi u aġenti żoonotiċi mniżżla fi Skeda I, punt I, fejn tista' ssir l-identifikazzjoni ta' aġent żoonotiku jew il-konferma finali tal-preżenza tiegħu.

Ġbir ta' informazzjoni fuq żoonosi u aġenti żoonotiċi.

4. (1) Għandu jiġi żgurat li jitwettqu dawn ir-regoli li ġejjin f'Malta:

(a) li l-operaturi jew min jamministra l-istabbilimenti approvati skond id-Direttivi tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 64/433/KEE, 71/118/KEE u 77/99/KEE ikunu obbligati li jżommu għall-perjodu minimu li jkun speċifikat mill-awtorità kompetenti u li jiġi komunikat lill-istess awtorità meta din hekk tkun teħtieġ, ir-riżultati ta' l-eżamijiet għall-preżenza ta' żoonosi mniżżla fi Skeda I, punt I;

(b) li kemm l-iżolament u l-identifikazzjoni ta' aġenti żoonotiċi kemm biex tkun stabbilita kull evidenza oħra dwar il-preżenza tagħhom, dan jaqa' taħt il-persuna responsabbli mill-laboratorju jew, meta l-identifikazzjoni ssir xi mkien ieħor li ma jkunx il-laboratorju, taħt il-persuna responsabbli mill-eżami;

(ċ) li d-djanjosi u l-identifikazzjoni ta' aġent żoonotiku jiġu rappurtati lill-awtorità kompetenti;

(d) li l-awtorità kompetenti tiġbor informazzjoni fuq l-aġenti żoonotiċi kollha li l-preżenza tagħhom tkun ġiet konfermata matul it-testijiet u l-eżamijiet u fuq il-każijiet kliniċi kollha fil-bnedmin u fl-annimali taż-żoonosi msemmija fl-Iskeda I, punt I;

(e) li l-Istati Membri l-oħra jkunu regolarment infurmati fl-Standing Veterinary Committee magħmul mid-Deċiżjoni tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 68/361/KEE, bil-każijiet kliniċi reġistrati skond (d).

(2) Skond il-proċedura mniżżla fl-artikolu 5(3) ta' l-Att dwar is-Servizzi Veterinarji, id-disposizzjonijiet ta' din ir-regola jistgħu jkunu estiżi sabiex ikopru ż-żoonosi u l-aġenti żoonotiċi mniżżla fi Skeda I, punti II u III.

Evalwazzjoni ta' informazzjoni miġbura.

5. (1) L-awtorità kompetenti għandha tevalwa l-informazzjoni miġbura skond regola 4 (1)(d). L-awtorità għandha tinforma lill-Kummissjoni Ewropea, sa l-aħħar tal-31 ta' Mejju ta' kull sena, bit-tendenzi u l-għejun ta' l-infezzjonijiet żoonotiċi rrekordjati matul is-sena preċedenti.

(2) Subregola (1) ta' din ir-regola ma għandhiex taqta' barra aktar rapporti frekwenti għal informazzjoni addizzjonali, fejn iċ-ċirkostanzi jkunu hekk jeħtieġu.

Sistemi ta' traċċar għall-moviment ta' annimali fl-irziezet.

6. Is-sistemi ta' traċċar għall-moviment ta' annimali fl-irziezet mniżżla fid-Deċiżjoni tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 89/153/KEE għandhom ikunu inforzati fir-rigward tal-miżuri għaż-żoonosi u aġenti żoonotiċi mniżżla f'dawn ir-regoli.

Miżuri nazzjonali li jridu jingħataw mill-awtorità kompetenti.

7. (1) (a) L-awtorità kompetenti għandha tgħarraf lill-Gvern bil-miżuri nazzjonali li tkun qed tieħu biex twettaq l-għanijiet ta' dawn ir-regoli fir-rigward ta' żoonosi mniżżla fi Skeda I, punti I u II, bl-eċċezjoni ta' dawk li diġà jkunu qegħdin jittieħdu għall-bruċellosi u t-tuberkulosi taħt pjanijiet li jkunu ġew approvati fil-kuntest tal-leġislazzjoni veterinarja. Dawn il-miżuri għandhom jintbgħatu lill-oganizzazzjoni internazzjonali rilevanti u lill-Istati Membri.

(b) Dawn il-miżuri jistgħu jinkludu miżuri sabiex jiskopru ż-żoonosi u l-aġenti żoonotiċi mniżżla fi Skeda I, punt III.

(c) L-awtorità kompetenti għandha tibgħat lill-Kummissjoni Ewropea, rapport fuq is-sitwazzjoni epidemjoloġika għat-trikinosi kull sena.

(2) Fil-każ ta' salmonella fit-tjur, l-awtorità kompetenti għandha tibgħat lill-Kummissjoni Ewropea, pjanijiet magħmula skond il-kriterji mniżżla fi Skedi II u III. Dawn il-pjanijiet għandhom:

(a) fir-rigward ta' salmonella, jispeċifikaw il-miżuri li jittieħdu biex ikun hemm konformità mar-rekwiżiti minimi mniżżla fi Skeda III;

(b) iqisu sew is-sitwazzjoni speċifika f'Malta;

(ċ) jindikaw l-għadd ta' laboratorji nazzjonali approvati fejn ikunu se jsiru l-eżamijiet u l-identifikazzjoni ta' salmonella u l-proċeduri approvati għal dawk il-laboratorji;

(3) Skond il-proċedura mniżżla fl-artikolu 5(3) ta' l-Att dwar is-Servizzi Veterinarji -

(a) il-pjanijiet msemmija fis-subregola (2) ta' din ir-regola, għandhom ikunu approvati mill-Ministru responsabbli għas-servizzi veterinarji, u

(b) jistgħu jsiru emendi u ż-żjidiet fil-pjan li jkun ġie approvat preċedentament sabiex ikunu jistgħu jitqiesu l-iżviluppi li jsiru fis-sitwazzjoni ta' Malta.

Kontribuzzjoni finanzjarja għall-qtil u t-teħid ta' kampjuni uffiċjali.

8. (1) (a) Regoli dettaljati li jirregolaw il-kontribuzzjoni finanzjarja lejn il-miżuri għall-qtil u distruzzjoni u teħid ta' kampjuni imposti skond Skeda III, Sezzjoni I, punt V jistgħu jitniżżlu skond il-liġi tal-Komunità Ewropea u l-artikoli 18 u 19 ta' l-Att dwar is-Servizzi Veterinarji.

(b) Fir-rigward tal-miżuri mniżżla fi Skeda III, il-kontribuzzjonijiet finanzjarji mniżżla fl-artikoli 18 u 19 ta' l-Att dwar is-Servizzi Veterinarji, ma għandhomx ikunu ta' benefiċċju għal persuni li jrabbu l-annimali li jkunu kissru r-rekwiżiti ta' dawn ir-regoli.

Miżuri biex tkun evitata l-introduzzjoni ta' salmonella f'razzett.

9. L-awtorità kompetenti għandha tistabilixxi regoli li jkunu jispeċifikaw il-miżuri li għandhom jittieħdu sabiex tiġi evitata l-introduzzjoni ta' salmonella f'xi razzett, u dawn għandhom jitqiesu skond il-prinċipji mniżżla fl-Anness II tad-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 90/539/KEE.

Spezzjonijiet fuq il-post minn esperti tal-Kummissjoni Ewropea.

10. Esperti mill-Kummissjoni Ewropea jistgħu, sakemm ikun neċessarju għall-applikazzjoni uniformi ta' dawn ir-regoli u b'koperazzjoni ma' l-awtoritajiet kompetenti ta' Malta, jagħmlu spezzjonijiet fuq il-post. Biex jagħmlu hekk, huma jistgħu jivverifikaw

jekk Malta tkunx qegħda tiżgura konformità ma' dawn ir-regoli billi jagħmlu spezzjonijiet fuq perċentaġġ rapreżentattiv ta' azjendi. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-awtorità kompetenti bir-riżultati ta' l-ispezzjonijiet illi tkun għamlet. L-awtorità kompetenti għandha tieħu il-miżuri kollha li jistgħu jkunu neċessarji sabiex tqis ir-riżultati ta' l-ispezzjonijiet.

Miżuri ta' salvagwardja.

11. Il-miżuri ta' salvagwardja mniżżla fil-liġi tal-Komunità Ewropea u fl-artikoli 15(5) u 16(3) ta' l-Att dwar is-Servizzi Veterinarji, li jikkonċernaw spezzjonijiet veterinarji li għandhom isiru fil-kummerċ ma' Stati Membri jew ma' pajjiżi terzi, għandhom ikunu japplikaw għall-iskop ta' dawn ir-regoli.

Skeda I

LISTA TA' ŻOONOSI LI JAQGĦU TAĦT IR-REGOLA 4

I. — Tuberkulosi minħabba *Mycobacterium Boris*

— Bruċellosi u l-aġenti tagħha

— Salmonella u l-aġenti tagħha

— Trikinosi

II. — *Campylobacteriosis*

— *Echinococcosis*

— Listerjosi

— Rabja

— *Toxoplasma*

— *Yersiniosis*

— Żoonosi oħra u l-aġenti tagħhom

III. Kull żoonosi oħra li ma jinsabux fil-Komunità Ewropea u l-aġenti ta' dik iż-żoonosi.

Skeda II

KRITERJI GĦAT-TĦEJJIJA TA' PJANIJIET GĦALL-KONTROLL TA' SALMONELLA FI QTAJJA TA' TJUR

I. Il-pjanijiet għandhom jindikaw:

— l-għadd u t-tip ta' kampjuni li għandhom jittieħdu,

— l-għadd u t-tip ta' kampjuni uffiċjali li għandhom jittieħdu,

— il-metodi ta' teħid ta' kampjuni,

— il-metodi ta' l-eżamijiet tal-kampjuni u l-identifikazzjoni ta' l-aġenti żoonotiċi.

II. Il-pjanijiet għandhom iqisu l-kriterji li ġejjin biex jistabilixxu l-proċeduri tat-teħid ta' kampjuni:

(a) fatturi li x'aktarx jinkoraġġixxu l-firxa ta' żoonosi wieħed jew aktar;

(b) l-istorja preċedenti taż-żoonosi msemmija f'pajjiż jew reġjun, f'annimali domestiċi jew selvaġġi;

(c) il-popolazzjoni ta' l-annimali fir-rigward:

— tal-qies totali tal-popolazzjoni,

— ta' l-omoġenità tal-grupp tal-popolazzjoni,

— ta' l-età ta' l-annimali,

— tal-produzzjoni ta' l-annimali;

(d) l-ambjent ta' l-irziezet fir-rigward :

— ta' differenzi reġjonali,

— tad-densità tal-qtajja,

— tar-relazzjonijiet ma' żoni urbani,

— tar-relazzjonijiet ma' żoni iffullati bil-ħajja selvaġġa;

(e) is-sistemi ta' produzzjoni ta' l-irziezet jinkludu:

— is-sezzjonijiet ta' trobbija intensiva ta' bhejjem,

— is-sezzjonijiet ta' trobbija estensiva ta' bhejjem,

— sistemi ta' trobbija ta' l-annimali, b'mod partikolari sistemi ta' tmigħ ta' l-ikel u miżuri ta' kura tas-saħħa ta' l-annimali;

(f) problemi li x'aktarx jinqalgħu minħabba f'dak li jkun ġara qabel u informazzjoni oħra;

(g) il-grad rikjest ta' protezzjoni skond it-tip u l-gravità taż-żoonosi msemmija.

Skeda III

SPEZZJONI GĦAS-SALMONELLA

Sezzjoni I

KONTROLL - PREŻENZA TA' SALMONELLA FI QTAJJA TA' TROBBIJA

I. **Qtajja ta' trobbija**

Qatgħa ta' trobbija tikkomprendi ta' lanqas 250 għasafar (*Gallus gallus*), miżmuma jew imrobbija f'azjenda waħda għall-produzzjoni tat-tfaqqis ta' bajd.

II. **Kontroll ta' salmonella fi qtajja ta' trobbija**

Is-sid jew il-persuna responsabbli għat-tfaqqis jew għat-trobbija ta' qatgħa għandu, għas-spejjeż tiegħu, jieħu kampjuni għall-analiżi għall-iskoperta ta' salmonella jew f'laboratorju nazzjonali approvat jew f'laboratorju rikonoxxut mill-awtorità kompetenti, hekk li jinżammu l-livelli minimi ta' kampjuni mniżżla iktar 'l isfel.

A. *Qtil ta' qtajja*

1. Kampjuni għandhom jittieħdu minn għasafar mrobbija għal skopijiet ta' tgħammir ta' lanqas meta il-flieles ikollhom ġurnata, meta l-għasafar ikollhom erba' ġimgħat u ġimgħatejn qabel ma t-tiġieġ jidħlu fil-fażi ta' tqegħid tal-bajd.
2. il-kampjuni li għandhom jittieħdu għandhom jikkomprendu:
   (a) fil-każ ta' flieles li għandhom ġurnata, kampjuni mill-kisi intern tal-kaxxi fejn it-tiġieġ kienu trasportati għal ġo azjenda u mill-karkassi ta' flieles misjuba mejta mal-wasla; u
   (b) fil-każ ta' tiġieġ ta' erba' ġimgħat jew ġimgħatejn qabel jidħlu fil-fażi ta' tqegħid tal-bajd, kampjuni rappreżentattivi ta' *faeces* magħmula minn kampjuni separati ta' *faeces*

friski kull waħda tiżen mhux anqas minn gramma meħuda bl-addoċċ minn għadd ta' siti fil-bini fejn l-għasafar ikunu qegħdin jiġu miżmuma, jew, fejn l-għasafar ikollhom aċċess liberu għall-aktar minn bini wieħed f'azjenda partikolari, minn kull grupp ta' bini fl-azjenda fejn l-għasafar ikunu qegħdin jiġu miżmuma;

(c) l-għadd ta' siti minn fejn il-kampjuni separati ta' *faeces* għandhom jittieħdu sabiex isir kampjun rappreżentattiv għandu jkun kif ġej:

Għadd ta' għasafar miżmuma ġo bini	Għadd ta' kampjuni ta' *faeces* li għandhom jittieħdu mill-bini jew minn grupp ta' bini f'azjenda
1 - 24	(għadd li jammonta għall-għadd ta' għasafar sa massimu ta 20)
25 - 29	20
30 - 39	25
40 - 49	30
50 - 59	35
60 - 89	40
90 - 199	50
200 - 499	55
500 jew aktar	60

B. *Qtajja adulti għat-tagħmir*

1. Il-qtajja adulti għat-tagħmir kollha għandhom jintgħażlu ta' lanqas kull ġimagħatejn matul il-perjodu ta' tqegħid.

2. Qtajja ta' tagħmir li l-bajd tagħhom huma mfaqqsa f'gallinar b'kapaċita' inkubatriċi totali ta' mhux anqas minn 1000 bajda għandhom ikunu magħżula mill-azjenda u l-kampjuni li għandhom jittieħdu għandhom ikunu komposti minn kampjuni rappeżentattivi ta' *faeces*

magħmula minn kampjuni separati ta' *faeces*, kull kampjun jiżen mhux anqas minn gramma, miġburin skond punt A (2) (b).

3. Qtajja ta' tagħmir li l-bajd tagħhom huma mfaqqsa f'gallinar b'numru ta' kapaċità inkubatriċi ta' mhux anqas minn 1000 bajda għandhom ikunu magħżula mill-gallinaġġ u l-kampjuni li għandhom jittieħdu għandhom jikkonsistu minn:
   (a) kampjuni rappresentattivi ta' *meconium* meħuda minn 250 fellus imfaqqsa minn bajd fornut fil-gallinaġġ minn kull qatgħa ta' tagħmir; jew
   (b) kampjuni ta' karkassi ta' 50 fellus li huma mejta fil-qxur ta' bajd jew li tfaqqsu minn bajd suplixxiti lill-gallinaġġ minn kull qatgħa ta' tagħmir.
4. Dawn il-kampjuni għandhom jittieħdu wkoll minn qtajja għat-tgħammir li jikkomprendu mhux anqas minn 250 għasfur li l-bajd tagħhom huma mfaqqsa f'gallinaġġ b'kapaċità inkubatriċi totali ta' 1000 bajda jew aktar.
5. Kull tmien ġimgħat, it-teħid ta' kampjuni mniżżel f'punt B għandu jinbidel b'teħid ta' kampjuni uffiċjali, li għandu jkun ġestit skond punt 4.

C. *Eżami ta' kampjuni għas-salmonella*

L-għadd totali ta' kampjuni meħudin minn kull bini jistgħu jkunu rappreżentati għall-analiżi. L-analiżi u t-testijiet għas-salmonella għandhom isiru b'metodi rikonoxxuti skond il-proċedura mniżżla fl-artikolu 5(3) ta' l-Att dwar is-Servizzi Veterinarji.

III. **Notifikazzjoni ta' riżultati**

Meta, b'riżultat tal-kontroll magħmul skond punt II, il-preżenza ta' *Salmonella enteritidis* jew *Salmonella typhimurium* hija skoperta f'qatgħa ta' tagħmir, il-persuna responsabbli għall-laboratorju

fejn isir l-eżami, min jagħmel l-eżami jew is-sid tal-qatgħa, għandhom jinnotifikaw lill-awtorità kompetenti bir-riżultati.

IV. **Investigazzjoni ta' qtajja dikjarati posittivi wara l-kontroll**

Fejn il-preżenza ta' ta' *Salmonella enteritidis* jew *Salmonella typhimurium* hija notifikata skond punt III, il-qatgħa għandha tkun uffiċjalment magħżula bħala kampjun sabiex ikunu konfermati r-riżutati inizjali. Kampjun ta' għasafar għandu jittieħed bl-addoċċ minn kull dar ta' għasafar fir-razzett, il-qies tal-kampjun jiġi magħżul skond it-tabella f'punt II (A)(2)(c). Għall-iskop ta' l-eżami, l-għasafar minn kull dar għandhom jingabru fi gruppi ta' ħamsa u kampjuni ta' fwied, ovari u intestini meħuda minn kull għasfur fil-grupp għandu jkun eżaminat għas-salmonella bl-użu ta' analiżi u testijiet rikonoxxuti skond il-proċeduri mniżżla fl-artikolu 5(3) ta' l-Att dwar is-Servizzi Veterinarji jew sakemm ikun hekk rikonoxxut b'metodi nazzjonali ta' testijiet ippruvati.

V. **Miżuri li għandhom jittieħdu fir-rigward ta' qtajja fejn infezzjoni hija konfermata**

Il-miżuri għandhom ikunu konformi ma' *standards* minimi li ġejjin.

1. Fejn, b'riżultat ta' investigazzjoni magħmula skond punt IV, il-preżenza ta' *Salmonella enteritidis* jew *Salmonella typhimurium* hija konfermata fl-għasafar fid-dar, il-miżuri li ġejjin għandhom jittieħdu:
   (a) l-ebda għasfur ma jista' jħalli d-dar konċernata sakemm l-awtorità kompetenti tawtorizza il-qtil u d-distruzzjoni taħt superviżjoni jew il-qtil f'biċċerija msemmija mill-awtorità kompetenti skond (c);
   (b) bajd mhux ta' l-inkubatur prodotti minn għasafar fid-dar in kwistjoni għandhom ikunu distrutti fil-post jew wara li jsir l-immarkar adatt taħt supervisjoni għall-istabbiliment

approvat għall-iproċessar tal-bajd biex ikunu trattati bis-sħana skond ir-rekwiżiti tad-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 89/437/KEE;

(c) l-għasafar kollha fid-dar għandhom ikunu maqtula skond l-Anness I, Kapitolu VI, punti 31(c) tad-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 71/118/KEE, il-veterinarju uffiċjali tal-biċċerija ikun infurmat bid-deċiżjoni ta' qtil, skond l-Anness I, Kapitolu VI, punt 25(a) ta' dik id-Direttiva, jew ikunu maqtula u distrutti sabiex ikun ridott kemm jista' jkun ir-riskju tal-firxa ta' salmonella.

2. Malli dar okkupata b'qatgħa infettata bis-*Salmonella enteritidis* jew *Salmonella typhimurium* tkun żvutata mill-għasafar, għandu jsir ħasil u disinfettar effettiv, li jinkludi r-rimi sigur ta' demel u żibel, skond il-proċeduri mniżżla mill-awtorità lokali veterinarja. Il-ħażna mill-ġdid għandha ssir bi flieles li jissodisfaw ir-rekwiżiti f'punt II(A)(1).

3. Meta l-bajd għat-tfaqqis minn qtajja fejn il-preżenza ta' *Salmonella enteritidis* jew *Salmonella typhimurium* kienet ikkonfermata jkunu għadhom preżenti f'gallinaġġ, dawn għandhom ikunu distrutti jew trattati bħala materjal ta' riskju għoli skond id-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 90/667/KEE.

VI. Taħt il-proċeduri mniżżla fl-artikolu 5(3) ta' l-Att dwar is-Servizzi Veterinarji,

(a) sistemi ta' sorveljanza bbażati fuq kontroll seroloġiku fl-azjenda jistgħu jkunu rikonoxxuti jekk dawn joffru garanziji ekwivalenti għas-sistema ta' spezzjoni fil-gallinaġġ imsemmi f'punt II(A)(1), (B)(3) u (4)(C);

(b) soluzzjonijiet alternattivi għall-qtil ta' bilfors mniżżel f'punt V(c), bħal trattament antibijotiku, jista' jkun approvat għal qtajja ta' tagħmir;

(c) regoli speċifiċi jistgħu ikunu stabbiliti bil-għan li jissalvagwardjaw materjal ġenetiku ta' valur.

Il-kontrolli mniżżla f'dan il-Kapitolu jistgħu, skond il-proċedura mniżżla fl-artikolu 5(3) ta' l-Att dwar is-Servizzi Veterinarji, ikunu riveduti fid-dawl ta' żvilupp fit-tagħrif xjentifiku.

Sezzjoni II

SPEZZJONI GĦAS-SALMONELLA FL-ISTADJU FINALI TA' PRODUZZJONI TA' GĦALF KOMPOST GĦAT-TJUR

Meta kampjuni uffiċjali jkunu qegħdin jittieħdu f'azjenda jew f'każijiet ta' suspett ġustifikat, it-teħid ta' kampjuni jista' jsir fuq l-għalf kompost użat biex jitma t-tjur.

Meta kampjun ikun pożittiv għas-salmonella, l-awtorità kompetenti għandha tagħmel investigazzjoni biex:

(a) tkun identifikata s-sors ta' kontaminazzjoni, b'mod partikolari b'mezzi ta' kampjuni uffiċjali fi stadji differenti ta' produzzjoni;

(b) tkun eżaminata l-applikazzjoni ta' regoli u kontrolli li jikkonċernaw ir-rimi u l-ipproċessar ta' skart ta' l-annimali u b'mod partikolari dawk imniżżla fid-Direttiva tal-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea 90/667/KEE;

(c) ikunu stabbiliti il-proċeduri għal prattiċi ta' manifettura tajba u tiġi żgurata konformità ma proċeduri rikonoxxuti.